**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-8 ta' Marzu 2023**

**Rikors Numru : 627/2022 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**AA**

**Vs**

**JC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AA datat 30 ta' Novembru 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar it-30 ta' Ottubru tal-2005 fil-Parrocca ta' Sant' Andrija Hal Luqa, u minn dan iz-zwieg il- partijiet kellhom tliet ulied :MC ta X-il sena, SC ta' Y-il sena u EC ta' Z snin;*

2. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt min-Nutar Dottor Elena Farrugia datat 03 ta' Marzu 2020 u debitament insinwat nhar il-11 ta' Marzu 2020, liema kuntratt jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';*

3. *Illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li ilhom jghixu separatament ghal snin twal. Inoltre, illum il-gurnata il-partijiet ghandhom hajja separata minn xulxin u ma ghandhom ebda pendenzi ma' xulxin;*

4. *Illi fil-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, il-partijiet kienu qablu li l-intimat jassenja sehmu, ossia nofs il-garage gewwa Hal Luqa, b'valur ta' €85,000 li jinghata lir-rikorrenti bhala manteniment ghat tlett ulied, kif ukoll l-ispejjes kemm ordinarji u straordinarji ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri; liema obbligazzjoni da parti tal-intimat giet sodisfatta u ghalhekk f'dan ir-rigward m'hemmx pendenzi bejn il-partijiet;*

5. *Illi r-rikorrenti tixtieq tiddivorzja minn mal-intimat, u konsegwentment iz-zwieg ta' bejniethom jigi mahlul;*

6. *Illi dawn il-fatti sopra citati jissodisfaw pjenament il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ottjeniment tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

   *Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qed titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza u tippronunzja d-divorzju ta' bejn AA u JC tiddikjara z-zwieg taghhom mahlul ai termini tal-Artikolu 66A et seq tal-Kodici Civli, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tordna lir-Registru tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-Partijiet biex dan jigi debiotament registrat fir-registru Pubbliku; u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi nhar il-15 ta' frar 2023 l-intimat deher mhux assistit u l-Qorti spjegatlu d-drittijiet legali tieghu izda hu ddikjara li ma kienx mehtieg ghajnuna legali u ma kienx qed joggezzjona ghad-divorzju (vide fol 21);

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehedet** (vide affidavit fol 23) illi l-kontendenti zzewgu nhar it- 30 ta' Ottubru 2005, u li minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, li ghadhom minorenni. Iddikjarat illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali datat 3 ta' Marzu 2020 fl-atti tan-Nutar Dr Elena Farrugia. Xehedet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Di piu' kkonfermat illi ma hemm ebda obbligu ta' manteniment dovut.

**L-intimat xehed** (vide xhieda fol 24) u kkonferma u kkorrobora dak li xehdet l-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena***

***mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-29 ta' Mejju 1994, liema zwieg jgib certifikat numru 2029/2005 (Vide fol 34 certifikat taz-zwieg). Minn dan iz-zwieg twieldu 3 itfal, ilkoll minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Elena Farrugia nhar it-3 ta' Marzu 2020 (vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti rnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2029/2005 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**